

Brussell, 1 ta' April 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0094(COD)

7799/22
ADD 4

ENT 42
MI 245
CODEC 418
IA 38
COMPET 215

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2022) 89 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT [...] Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (UE) 305/2011

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2022) 89 final.

Mehmuż: SWD(2022) 89 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.3.2022
SWD(2022) 89 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

[...]

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (UE) 305/2011

{COM(2022) 144 final} - {SEC(2022) 167 final} - {SWD(2022) 87 final} -
{SWD(2022) 88 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt għar-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għaliex? X'inhom l-problema li qed tiġi indirizzata?

L-evalwazzjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini u r-rispons tal-awtoritajiet u tal-partijiet ikkonċernati tal-UE jindikaw b'mod ċar ċerti nuqqasijiet fil-funzjonament tiegħu. L-objettivi tiegħu ma ntafqux u l-ostakli għall-moviment liberu tal-prodotti għall-bini fis-suq uniku għadhom fostna.

Dan in-nuqqas fil-prestazzjoni qed jikkawżawh bosta kwistjonijiet ġenerali, identifikati fl-evalwazzjoni:

- proċess ta' standardizzazzjoni li ma jaħdimx tajjeb,
- xkiel fl-implimentazzjoni fil-prattika fil-pajjiżi tal-UE,
- regoli kumplessi żżejjed u mhux ċari, u
- relazzjoni ambigwa bejn ir-Regolament u leġiżlazzjoni oħra tal-UE, u/jew ir-regoli nazzjonali.

Finalment, ir-Regolament ma jistax jikkontribwixxi għall-prijoritajiet ta' politika usa', b'mod partikolari għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, għax ma jinkludix regoli għal dan il-għan.

Hemm potenzjal ċar biex dawn ir-regoli jsiru aktar adattati għal mudelli ġodda tan-negozju u għall-ekonomija tad-data, u biex il-prodotti għall-bini jsiru ferm aktar sostenibbli u innovattivi.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-objettivi **ġenerali** huma li:

- 1) jinkiseb suq uniku li jiffunzjona tajjeb għall-prodotti għall-bini,
- 2) jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Dawn l-objettivi ġenerali huma kkumplementati mill-objettivi **speċifiċi**, jiġifieri li:

- tiġi żblukkata s-sistema ta' armonizzazzjoni teknika,
- jonqsu l-ostakli nazzjonali għall-kummerċ għall-prodotti koperti mir-Regolament,
- jitjiebu l-infurzar u s-sorveljanza tas-suq,
- tingħata iżjed ċarezza (definizzjonijiet aktar komprensivi, jonqsu d-duplikazzjonijiet u r-regoli li jikkoinċidu ma' leġiżlazzjoni oħra) u tiżdied is-simplifikazzjoni,
- jonqos il-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji, inkluż bis-simplifikazzjoni u bid-diġitalizzazzjoni,
- ikun żgurat li l-prodotti għall-bini jkunu sikuri, u
- jonqos l-impatt klimatiku u ambjentali tal-prodotti għall-bini, inkluż bl-applikazzjoni ta' għodod diġitali (il-passaport diġitali tal-prodotti).

X'inhom l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE?

Ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini tista' ttejjeb il-funzjonament ġenerali tas-suq uniku tal-prodotti għall-bini, l-aktar billi tindirizza l-kwistjonijiet attwali rilevanti għall-proċess ta' standardizzazzjoni u tneħħi l-ostakli għas-suq uniku, bħar-regoli li jikkoinċidu fil-livell tal-UE jew fil-livell nazzjonali.

Dan jista' jżid iċ-ċertezza legali u jagħmel il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni aktar ġusti fl-ekosistema tal-bini, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni għas-saħħa u għall-ambjent.

Jekk titjeb is-sorveljanza tas-suq, tista tiżdied ukoll il-fiduċja fis-sistema madwar l-UE.

Fl-aħħar nett, reviżjoni tista' twassal għal titjeb fis-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti għall-bini. Dan l-aħjar li jiġi ttrattat fil-livell tal-UE.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

- **Opzjoni A** – ix-xenarju bażi: **I-ebda bidla** fir-Regolament iżda ttejjeb l-implimentazzjoni bi gwida u b'miżuri oħra ta' liġi mhux vinkolanti.
- **Opzjoni B** – **tiswija** tar-Regolament: tiċċara u tissimplifika l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, tiżgura l-konsistenza ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE, u tindirizza l-aspetti ambjentali tal-prodotti għall-bini.
- **Opzjoni C** – **iffukar** tar-Regolament: l-elementi kollha deskritti fl-għażla B u t-3 subopzjonijiet li ġejjin, li jistgħu jiġu kkombinati flimkien:
 - subopzjoni C1: tillimita l-applikazzjoni tar-Regolament għall-metodi ta' valutazzjoni,
 - subopzjoni C2: tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-oqsma ewlenin,
 - subopzjoni C3: il-lingwa teknika komuni ssir fakultattiva għall-manifatturi.
- **Opzjoni D** – **titjib** tar-Regolament: Abbażi tal-Opzjoni B, jistgħu jiddaħħlu wkoll rekwiżiti li jittrattaw karatteristiċi inerenti għall-prodott, biex jifharsu s-saħħa, is-sikurezza u l-ambjent. Dawn ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott jistgħu jifasslu permezz ta' 3 subopzjonijiet, u D1 u D2 jistgħu jiġu kkombinati:
 - subopzjoni D1: approċċ ta' regoli ġodda għar-rekwiżiti tal-prodotti,
 - subopzjoni D2: approċċ ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għar-rekwiżiti tal-prodotti, u
 - subopzjoni D3: soluzzjoni ibrida bejn D1 u D2 (li żżomm l-elementi ewlenin ta' kull waħda).
- **Opzjoni E** – **revoka** tar-Regolament: Ir-Regolament jifhassar u l-prodotti jkunu jiddependu fuq rikonnoxximent reċiproku bejn l-Istati Membri.

Konklużjoni

L-Opzjoni D hija l-għażla ppreferuta għax l-analiżi wriet li hija l-aħjar mod biex jintlaħqu l-oġettivi.

Liema għażla u min jappoġġaha?

Ħafna partijiet ikkonċernati jaqblu maż-żamma tar-Regolament attwali (l-Opzjoni A tax-xenarju bażi), iżda fl-istess ħin dawn il-partijiet ikkonċernati jixtiequ li tittieħed azzjoni li teħtieġ reviżjoni. Fost l-assoċjazzjonijiet tan-negozju u l-kumpaniji hemm appoġġ maġġoritariju għall-Opzjoni A.

Fost l-awtoritajiet pubbliċi, ftit inqas minn nofshom jippreferu din l-opzjoni. Madankollu, ir-rispons mill-pajjiżi tal-UE waqt il-konsultazzjonijiet wera preferenza għal reviżjoni.

L-Opzjoni B hi ppreferuta miċ-ċittadini tal-UE li wiegħbu, filwaqt li l-Opzjoni D hi ppreferuta mill-NGOs (fiż-żewġ każijiet, minn madwar terz tar-rispondenti f'kull grupp).

L-Opzjoni C ffit li xejn kellha appoġġ.

L-Opzjoni E tar-revoka ġiet rifjutata bil-qawwa mill-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Bl-Opzjoni D ikunu jistgħu jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin tar-Regolament attwali: il-prestazzjoni baxxa tal-proċess ta' standardizzazzjoni, l-ostakli nazzjonali għall-kummerċ, is-sorveljanza ineffettiva tas-suq, u n-nuqqas ta' ċarezza u simplifikazzjoni.

L-Opzjoni D tipprovdi suq uniku li jiffunzjona aħjar għall-produtturi tal-bini u żidiet fil-kummerċ transfruntier.

Din taħtaf ukoll il-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni ħalli jonqos il-piż amministrattiv, u l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha relatati mar-Regolament ikunu jistgħu jiġu pproċessati b'mod diġitali.

Il-piż amministrattiv tal-manifatturi jista' jkompli jitnaqqas jekk jitneħħa t-trikkib bejn il-marka CE u d-Dikjarazzjoni tal-Prestazzjoni. Il-gvernijiet tal-UE jkunu jistgħu jeżentaw lill-mikrokumpaniji li ma jikkummerċjalizzawx bejn il-fruntieri mill-obbligi tar-Regolament.

L-Opzjoni D tindirizza b'mod effettiv l-għanijiet li joħorġu mill-Istrateġija għall-Politika Industrijali, mill-Istrateġija ta'

Standardizzazzjoni, mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, mill-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari u minn inizjattivi relatati oħra, fil-kuntest tal-prodotti għall-bini.

L-Opzjoni D tippermetti li r-rekwiżiti ambjentali u tas-sikurezza tal-prodotti jiġu stabbiliti indipendentement mill-prestazzjoni relatata max-xogħol tal-bini, u għandha tgħin fid-dekarbonizzazzjoni tal-ambjent mibni.

L-Opzjoni D tħalli impatt pożittiv b'mod partikolari fuq is-sikurezza, il-konformità u l-kwalità tal-ambjent mibni.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-Opzjoni D mistennija toħloq żieda ta' madwar €200 miljun fis-sena fl-ispejjeż tal-manifatturi – daqs xi 8% tal-ispejjeż tax-xenarju bażi.

Din iż-żieda se tiġġarrab għax jiżdiedu l-ispejjeż tal-konformità, il-piż amministrattiv u l-imposti regolatorji b'rabta mal-marka CE u mad-Dikjarazzjoni tal-Prestazzjoni (DoP), iżda parzjalment titpaċa bi tnaqqis fl-ispejjeż relatati mat-tneħħija tar-rekwiżiti nazzjonali.

B'mod ġenerali, bis-saħħa ta' miżuri differenti, inkluż il-possibbiltà li jintużaw mezzi elettroniċi għar-rekwiżiti kollha tad-dokumentazzjoni u tal-informazzjoni, punt uniku ta' dñul għar-reġistrazzjoni u l-għoti tad-dokumentazzjoni kollha, eċċ., l-Opzjoni D mistennija ġġib tnaqqis nett fil-piż amministrattiv (ara l-Anness 3 tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt għal aktar dettalji).

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Ir-reviżjoni tar-Regolament għandha l-għan li ttejjeb is-suq uniku għall-prodotti għall-bini. Se toħloq ambjent ekwu għall-produtturi kollha, speċjalment għan-negozji żgħar u medji fil-pajjiżi kollha tal-UE.

Il-produtturi se jkollhom jissodisfaw aktar obbligi biex iġibu l-prodotti tagħhom fis-suq, iżda fl-istess ħin se jkollhom aktar opportunitajiet ta' negozju. Ir-rekwiżiti ta' simplifikazzjoni għandhom l-għan speċifiku li jipprovdu proċeduri simplifikati għall-mikrokumpaniji meta jiġu biex jivvalutaw u jivverifikaw il-prestazzjoni.

Barra minn hekk, il-gvernijiet tal-UE se jingħataw is-setgħa li jeżentaw lil ċerti mikrointrapriżi mill-obbligi tar-Regolament. Il-kondiviżjoni tal-ħidma ppjanata u maħsuba, u l-irfinar tekniku mal-Inizjattiva dwar il-Prodotti Sostenibbli se jevitaw piżijiet bla bżonn għan-negozji ta' kull daqs.

B'suq uniku li jiffunzjona aħjar, il-kumpaniji tal-bini se jkollhom aċċess għal għażla usa' ta' prodotti. B'mod ġenerali, il-produtturi u l-ekosistema tal-bini se jibbenefikaw mir-reviżjoni.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Minn naħa, il-pajjiżi tal-UE se jkollhom jipprovdu aktar riżorsi għas-sorveljanza tas-suq, li bħalissa m'għandhiex persunal biżżejjed.

Min-naħa l-oħra, ir-reviżjoni se tappoġġa bil-kbir lill-pajjiżi tal-UE fir-responsabbiltà tagħhom għas-sikurezza fix-xogħlijiet tal-bini. Għalhekk, l-impatt ġenerali fuq il-baġits nazzjonali aktarx mhux se jkun sinifikanti.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Mhu previst l-ebda impatt sinifikanti ieħor.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika se jiġu ċċentrati fuq il-kwistjonijiet ewlenin li trid tindirizza r-reviżjoni.

Hu propost li r-Regolament rivedut jiġi evalwat mhux qabel 8 snin mid-data tal-applikazzjoni tiegħu.